**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 479/2017**

**Il-Pulizija**
**(Andrew Agius)**
**vs**
**Natalino Brincat**
**Stephen Brincat**
**Thea Calleja**

**Illum 11 t'Ottubru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Natalino Brincat ta' 29 sena bin Stephen Brincat u Giovanna Antida nee' Lanzon imwieled Pieta' fl-14/07/1987 u joqgħod 147, Triq il-Kbira, Birkirkara. ID Card 322687M.

Stephen Brincat ta' 56 sena bin John-Mary Brincat u Teresa nee' Mifsud imwieled Qormi fis-27/12/1960 u joqgħod 147, Triq il-Kbira Birkirkara. ID Card 243179M.

Thea Calleja ta' 26 sena bint Julian Calleja u Rose nee' Azzopardi imwielda Żabbar fil-15/07/1990 u toqgħod 5, Eden, Flat 2, Triq id-Dgħajjes, Paola. ID Card 337690M

Billi akkużati talli nhar is-26 ta' Jannar 2017;

1. Gieghltu animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn jew abbandunajtu dan l-annimal;

2. Zammejtu annimal jew qbiltu li zzommu annimal minghajr ma kontu responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;
3. Ma hadtux dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza biex tizguraw li l-htigijiet tal-annimalli hija responsabbli ghalih, jew li taqblu li tiehdu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal. Ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu, htigiet ta' annimal li tinkludi l-provvista ta' ambjent xierqa, segregazzjoni min annimali ohra, fejn mehtieg u protezzjoni minn ugiegh, tbatija, korriment u mard u nqast li taghmlu dan.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi l-ispettur Elton Talianali qara u kkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni fis-seduta datata 30 t'Awissu 2018;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, kif ukoll semghet ix-xhieda kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Dicembru 2019 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a. Fl-artikoli 8(2)(3(4)tal-Kapitoli 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza ta' l-10 ta' Settembru 2020 li l-imputati wiegbu li ma kellomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferiuta.

**Ikkunsidrat**

**Joseph Cassar** xehed u esebixxa kwereli kontra l-imputati u dan wara li fis-26 ta' Jannar 2017 sabu kelb jigri barra u kien registrat fuq l-imputata Thea Calleja.

**Conrad Galea** qal li bhala Animal Welfare Officer kien gie infurmat wara telefonata li gewwa triq il-Kbira f'B'Kara kien hemm klieb jigru barra. Fuq il-post sabu kelb wqiehed li kien registrat fuq l-imputata Anthea Calleja. Kienu cemplu lil Anthea Calleja u nfurmathom li kien gej ghalih l-gharus taghha Natalino Brincat. Meta habtu ma' bieb fejn wera li l-kelb ried jidhol hareg l-imputat Stephen Brincat u qallhom li l-kelb kien ta' Anthea Calleja u

m'ghadhiex toqghod hemm. Kien hu li harbilha l-klieb barra. Kull ma kienu raw kien kelb wiehed biss u mhux skont kif kienu gew infurmati.

**Joseph Gatt** qal li kienu rcevew rapport fis-26 ta' Jannar li kien hemm xi klieb jigru gewwa B'Kara. Meta waslu fuq il-post sabu kelb imhallat u kien registrat fuq Anthea Calleja u infurmawha fuq il-kelb li minn naha taghha qaltilhom li kien gej l-gharus taghha ghalih.

**Dennis Sciberras** qal li wara li dahlet telefonata li kien hemm xi klieb jigru barra sabu kelb gewwa B'Kara u li kien registrat fuq Thea Calleja. Huma kienu sabu kelb wiehed biss. Fil-fatt skont ma qalulu li ufficjali tall-Animal Welfare kienu kelmu lil Stephen Brincat u kien qallhom li ma ridtx dawn il-klieb u kienu ilu jghidilha biex tnehhihom. Il-kwereli kien harighom ix-xhud bhala ko-ordinatur tal-welfare u d-direttur tighu. Esebixxa wkoll call log li kien sar u anki dokumenti bil-firma li l-kelb kien inghata lura.

**PS 609 James Magro** kien irceva kwereli kontra l-imputati sabiex jinhargu akkuzi kontra taghhom u esebexxi kopja tar-rapport dok BM1.

**Helen Bugeja** qalet li hija ma kenixt ghamlet rapport mal-animal welfare u lanqas kienet cemplet.

**Dennis Sciberras** qal li kienet dahlet telefonata fis-26 ta' Jannar li kien hemm kelb qieghed jigri gewwa B'Kara. Ufficjali tal-Animal Welfare marru fuq il-post u sabu li dan il-kleb kien ta' Thea Calleja. Wara li kienu infurmawaha dwar il-kleb u qaltilhom li ma kenixt ghada toqghod hemm u li kien gej l-ex gharus taghha ghalih. Wara dahal rapport fl-administration li dawn il-klieb ma ridhomx aktar u kienu harbuhom. Illi l-kelb kienu sabuh Conrad Galea u Joseph Gatt gewwa B'Kara. Il-kelb kien gie ritornat lura lil Natalino Brincat. Huma kienu hargu l-kwereli ghax kienu abbandunaw il-kelb. Huwa kkonferma li ma kienu sabu l-ebda kelb iehor jigri fit-triq izda wiehed biss li gie ritornat lura. Meta mistoqsi dwar il-kelb qal li l-missier ma kienx ferhan li se jerga' jiehdu lura.

**Conrad Galea** qal li jahdem bhala animal welfare officer u gewwa Triq John Borg f'B'Kara kienu sabu kelb jigri barra fejn qabduh. Dan il-kelb kien jghajjat lil Thea Calleja. Huma hadu l-kelb gewwa r-residenza fejn kien jghajjat u fetah certu Stephen Brincat u qal li ma kienx se jaccetta l-kelb ghax Thea ma kenixt ghada tghix hemm. Kien fil-fatt Natalino Brincat li accetta li jiehu l-kelb. Huma kienu marru fuq ir-rapport wara li kienet dahlet telefonata.

**Noel Montebello** qal li kienet dahlet informazzjoni fuq xi klieb u meta marru ufficjali tal-Animal Welfare sabu kelb barra fit-triq li kien jghajjat lil Thea Calleja. Skont hu kienu kelmuh ukoll il-Pulizija mill-ghassa li kien hemm diversi klieb jigru barra. Huwa qal li ma kienx fuq il-post.

**Joe Gatt** ikkonferma call log li fis-26 ta' Jannar 2017 kienet cemplet wahda Helena li kienet qeghda izzomm kelb ghax kien qieghed jigri fit-triq. Dan il-kelb kien registrat fuq Thea Calleja u kien gabru lura Natalino Brincat.

**Joseph Zammit** esebixxa document dwar ricerka li ghamel fuq Thea Calleja dwar klieb li kienu registrata fuqha.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz sehh wara li ufficjali tal-Animal Welfare marru gewwa B'Kara minhabba li kien dahal rapport li kien hemm xi klieb jigru barra. Gara' pero' li sabu kelb wiehed biss u li kien registrat fuq Thea Callejja. Illi min-naha taghha qaltilhom li l-kelb kien gej ghalih l-gharus taghha. Illi skont Conrad Galea kien l-imputat Stephen Brincat li harrab il-kelb.

L-akkuzi taht l-Artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-imputati huma akkuzati bi tlett akkuzi ghal dak li hemm fl-artikoli 8(2)(3)(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli espressament jghidu hekk:

> *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn jew jiġi soġġett għal attivitajiet li ma jkunux fin-natura tiegħu. L-ebda annimal ma jista' jiġi abbandunat:*
>
> *Iżda għall-fini ta' dan is-subartikolu, il-kliem "attivitajiet li ma jkunux fin-natura tiegħu" jinkludu attivitajiet ta' natura sesswali bejn persuna u annimal sew jekk b'xi parti tal-ġisem sew jekk b'xi oġġett.*
>
> *(3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.*
>
> *(4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimalli hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.*

Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 gie specifikat f'aktar dettal liema passi ghandhom jittiehdu minn min ikun qed jiehu hsieb annimal biex jizgura illi kull annimal ikollu kull ma jinhtieg, inkluz ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Legislatur ried jiccara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas taghhom jistgħu indubjament iwasslu ghat-tbatija, mard jew ugiegh tal-annimal mizmum. Il-piena għal dan ir-reat giet regolata mill-artikolu 45 tal-istess Att.

Illi l-artikolu 2 tal-Att taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-mohqrija fejn jinghad illi: "*moħqrija*", fir-rigward ta' annimal, tfisser li *ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa*;

Illi annimal jista' jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija, jew dwejjaq bla bzonn jew li jigi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi titfghu barra fit-triq, jew tabbandunah milli jinghata ikel mhux adegwat u xorb ghalih. Illi jista' wkoll jghaddu minn swat u ggeghlu jbati wgiegh jew li ma jinghatx kura.

Illi x'hin il-Qorti analizzat il-provi migjuba u dan minn dak li qalu l-istess ufficjali tal-animal welfare semmew biss li kienu sabu kelb jigri barra wara rapport li kien dahal. Illi ebda ufficjal tal-Pulizija ma kien kellem lill-imputati dwar x'gara dakinhar li kienu sabu l-kelb. Illi mill-fatti tal-kaz u dan skont ma' qal Conrad Galea li l-imputat Stephen Brincat kien qallu li kien harrab il-kelb minhabba li kien ilu jghid lil Thea Calleja biex tiehu l-klieb ghax ma kenitx ghada toqghod hemm. Illi hadd mix-xhieda ma' semma kif kien l-involviment tal-imputati Thea Calleja u Natalino Brincat. Illi kull ma ghamlu l-ufficjali tal-Animal Welfare li cemplu lil Thea Calleja ghal kelb u din qaltilhom li kien se jiehdu Natalino Brincat. Illi l-Qorti ma tistax tifhem x'wassal ghal hrug ta' akkuzi kontra dawn iz-zewg imputati meta wiehed minnhom mar biss jiehu l-kelb u l-imputata Thea Calleja infurmathom li kien sejjer jiehdu Natalino Brincat. Illi had mix-xhieda ma' semma f'liema stat il-kelb kien jekk kienx jidher li ma kienx qieghed jiekol jew inkella deher li ma kienx qieghed jigi mizmum tajjeb. Tant li l-istess ufficjali tal-Animal Welfare ghaddew il-kelb lil Natalino Brincat. Illi zgur ma jistax jinghad li fil-konfront tal-imputat Natalino Brincat ngiebet xi prova dwar dak li qieghed jigi akkuzat bih. Illi wkoll mill-fatti tal-kaz huwa car li lanqas fil-konfront tal-imputata Thea Calleja ma jista' jinghad li tressqet xi prova ghal dawk l-akkuzi fil-konfront taghha. Illi kull ma nghad fil-konfront taghha hu li nstab kelb registrat fuqha f' B'Kara u kienet avzathom li se jingabar minn Natalino Brincat. Illi din il-Qorti hija moralment konvinta li ma tistax tinstab htija fil-

konfront ta' Natalino Brincat u Thea Calleja dwar l-akkuzi fil-konfront taghhom meta lanqas prova wahda ma tressqet dwar dak li kienu qeghdin jigu akkuzati bihom specjalment meta minn xhieda hareg li l-imputat Stephen Brincat harrab il-kelb taghha u zgur ma kellhom x'jaqsmu xejn min-naha ta' Natalino Brincat u Thea Calleja.

Illi jibqa' biss ghal dak li hemm fil-konfront tal-imputat Stephen Brincat. Illi l-akkuzi fil-konfront tieghu huma dwar abbandun ta' l-annimal. Illi ta' min jinnota li dan Conrad Galea xehed f'zewg okkazjonijiet u cioe' fit-8 ta' Marzu 2018 (a fol 23) kif ukoll fit-13 ta' Settembru 2018 (a fol 93). Illi fl-ewwel xhieda tieghu qal li Stephen Brincat semma li harbilha l-klieb. Illi pero' meta rega xehed ghat-tieni darba qal li ma riedtx jacceta l-kelb ghax Thea ma ghadiex toqghod hemm. Illi f'dan il-kaz mill-istess xhud hemm zewg verzjonijiet totalment differenti minn xulxin meta fl-ewwel wahda l-imputat Stephen Brincat qieghed jghid li abbanduna l-kelb barra waqt li fit-tieni xhieda tieghu hemm verzjoni li kien irrifjutah li jiehu lura l-kelb. Illi hawn si tratta ta' fatti totalmenti differenti. Illi l-Qorti tara li hawn dubju dwar ezatt x'intqal dakinnhar u ghalhekk fi kwalunkwe kaz dan id-dubju ghandu jmura favur tal-imputat.

**Decide:**

Ghal dawn l-motivi wara li din il-Qorti rat l-Artikoli 8(2)(3)(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma ssibx lill-imputati Thea Calleja, Natalino Brincat u Stephen Brincat hatja ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom u ghaldaqstant tilliberhom minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Registratur**